**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Laqgħa Nru. 18-07/2016

Data: 15 ta' Ġunju 2016

Hin: 5.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | 0 | |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

9. Rapport Annwali Amministrattiv
10. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv
11. Offerti Pubbliċi
12. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
13. Proġetti u Xogħlijiet
14. Traffiku u parkegg
15. Ġonna u Soft areas
16. Attivitajiet Kulturali
17. Akkedemja tal-Futbol ta Justin Haber
18. Aġġornament.

# Minuti - 18-07/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tas-sittax (16)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-minuta 4.3, u talab li l-kliem "San Tumas jiġi sostitwit bil-kliem "Isqof Mauro Caruana". Il-Kunsill qabel.

1.1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Vince Borg favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (JAE, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.1.3. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

1.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tas-sbatax (17)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2.1. Il-Viċi Sindki Vince Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.2. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.2.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili għamlet referenza għall-materja 4.7 (16) u infurmat li d-Dipartiment ikkonferma li tali ħlas mitlub ma jistax isir minħabba li jmur kontra il-proċeduri finanzjarji. (Appendiċi P3.IX.A tal-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali Offerti).

2.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja 2.1.3 u staqsa jekk hux ser jibdew jitwaħħlu l-bollards.

2.2.1. Is-Sindku talbet li din il-materja titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss, sabiex jigu diskuss it-toroq fejn dawn jistaw jitwaħħlu, skont il-permess.

**N.B. 5.12 – Il-Kunsillier Dott. Matthew Paris Attenda għal-laqgħa.**

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq materja 2.5 u 2.7 staqsa jekk ircevejniex risposti.

2.3.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

2.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 2.64 u staqsa jekk itteħditx azzjoni sabiex isiru ir-Rampi tal-loġoġ.

2.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li Dipartiment tax-xogħolijiet bagħtu l-Perit sabiex jiġi ivverifikat x’jista’ jsir.

2.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 5.3 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.5.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li kien hemm skedata laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing propju il-Ġimgħa li għaddiet, madankollu, minħabba l-azzjoni ta infurzat fuq *scrapyard* illegali f’lokalita oħra, id-Direttur kellu jikkanċella l-appuntament. Hija Infurmat li din il-laqgħa ser tiġi posposta.

2.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 5.1 u staqsa lis-Sindku jekk kellmetx lis-Sur Mark Ciantar

2.6.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li ma kellmitux, minħabba li mama’ tiegħu għadha kif ħalliet din id-dinja, u għaldaqshekk ħasset li ma kienx il-mument opportun.

2.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 12.1 u qal li, minħabba li Triq San Publju saret one way, issa hemm senjalazzjoni ta *stop* biż-żebgħa kemm fi Triq San Tumas, kantuniera ma Triq San Publju, kif ukoll viċi-versa, u għaldaqstant talab li titneħħa waħda.

2.7.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ser jivverifika u jieħu l-azzjoni neċessarja Transport Malta.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li It-Tnejn 20 ta' Ġunju, ġiet offruta li iżżewweġ koppja. Huma urew ix-xewqa li ċ-ċerimonja issir fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament.

## 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand Naomi Bilson, li titratta l-proġett *Future of our Past* , fejn offriet lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f'dan il-proġett.

4.1.1. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju, u għaldaqstant għandu jitlob għall-iktar dettalji u informazzjoni sabiex jiġu deċiżjoni finali.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza riċevuta mingħand is-Supretendent Stephen Mallia, fejn għamel talba sabiex il-Kunsill jalloka spazju riservat għall-għassa tal-Pulizija tal-Floriana.

4.2.1. Il-Kunsill qabel li jaddotta r-regoli ta Transport Malta, u għaldaqstant jalloka spazju kif mitlub, għall-karozza uffiċjali tal-Pulizija.

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sinjura Jessica Mula mill-Malta Public Transport, fejn talbet li tinbidel il-Mappa tal-Lokalita tal-Floriana, u tiġi integrata f'mappa li ser issir mill-Malta Public Transport.

4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma qabilx mal proposta.

4.3.2. Il-Kunsill qabel li jiġi vverifikat l-ispiża biex jinbidlu kollha

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier Matthew Paris informa lis-Sindku li ma ġiex għall-Press Conference tat-Torri ta' Wignacourt, minħabba raġunijiet ta xogħol, u talab li jiġi skużat.

5.2. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li kellu laqgħa l-Uffiċju tal-Prim Ministru rigward ix-Xagħra, u fejn ġiet diskuss il-Proġett għal din iż-żona, partikularment li issir triq ġdida minn Pjazza San Kalċidonju, taqsam ix-xagħra u tisbokka fi Triq

l-Assedju l-Kbir. Il-Kunsillier Matthew saqsa lis-Sindku jekk hux possibli li tiġi skedata laqgħa bejn il-partijiet fejn issir preżentazzjoni tal-proġett.

5.2.1. Is-Sindku qablet.

5.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk hemmx rendikont ċar fuq ir-rotot tal-knis.

5.3.1. Is-Sindku infurmat li l-kuntrattur iqassam tlett ijiem minn Sant Anna lejn Balzunetta, u tlett ijiem, minn Sant'Anna lejn in-naħa tas-sur.

5.3.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li rċieva diversi ilmenti minn nies minn zoni u toroq varji dwar nuqqasijiet kontinwi.

5.3.3. Is-Sindku infurmat li l-problema ta skart hija kullimkien, iktar u iktar meta jkun hemm nies li jarmu barra bl-addoċċ.

5.3.4. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li importanti li nkomplu inħeġġu dwar il-bżonn li kullħadd jagħmel il-parti tiegħu. Huwa ippropona li jitwaħħlu kameras tas-sigurtà li jservu ta deterrent, f'postijiet strateġiċi

5.3.5. Il-Kunsill qabel li jsir dokument tal-offerta għal sistemi ta kameras ta sigurtà (Speed domes).

5.4. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk hux ser isir l-intervent neċessarju sabiex titranġa l-islipway ta taħt il-forka.

5.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li hija bagħtet talba lil Transport Malta. Hija żiedet tgħid li hemm bżonn li jerġa jsir il-poġġa man sabiex il-persuni ikunu jistaw jinżlu. Il-Kunsill qabel.

5.5. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mingħand il-Ministru Carmelo Abela, għat-talba għal laqgħa sabiex jiġi diskuss il-cladding li sar mal-bini tal-Forzi Armati ta' Malta.

5.5.1. Is-Sindku infurmat fin-negattiv.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq minuti tal-Laqgħa Kumitat tal-Isports li nżammet L-Erbgħa 27 t'April 2016 fil-5.30pm. Il-Kunsill approva li jiġu annessi unanimament.

6.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq minuti tal-Laqgħa Kumitat taż-Żagħżagħ li nżammet L-Erbgħa 27 t'April 2016 fil-5.00pm. Il-Kunsill approva li jiġu annessi unanimament.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 14/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris, astjena mill-pagamenti tas-Sur Daniel Attard.

7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vince Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, MP, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma Kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq

## 9. Rapport Annwali Amministrattiv

9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2015, liema dokument ġie iċċirkolat minn qabel, u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

9.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier Matthew Paris ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tad-dokument imsemmi, ssekondata mill Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot bir-rizultat ikun favur unanimament.

**NB: 5.50p.m.Il-Kunsillier Albert Demarco attenda għal-laqgħa**

## 10. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv

10.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili li fil-ġranet li għaddew intalbet l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali, sabiex tiġi ippubblikata is-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv, liema talba ġiet approvata.

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li irid jiġi kompost il-bord, magħmul minn bejn 3 u ħames membri, u li preferibbilment ikollu espert fil-qasam tar-Riżorsi Umani.

10.3. Is-Sindku pproponiet li l-bord ikun kompost mill-membri tal-Kunsill, u jinħatar l-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Kenneth Brincat bħala espert fil-qasam tar-Riżorsi Umani. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.4. Il-Kunsill qabel li jiġi avvjat il-proċess

## 11. Offerti Pubbliċi

11.1. Offerti Għas-Servizz ta Accountant.

**NB: 6.00pm: Il-Laqgħa ġiet Xolta, u il-Kunsill irrisolva ruħu f'Kumitat tal-Offerti u iddiskuta l-kwotazzjonijiet riċevuti għas-servizz ta accountant.**

**NB: 6.07pm: Il-Laqgħa tkompliet**

11.1.1. Il-Kunsill innota li l-irħas offerta kienet tindika li għalkemm il-moniteraġġ ser isir kull xahar, l-aġġustamenti ser isiru darba kull kwart, u mhux kif mitlub fil-kwotazzjoni, darba fix-xahar, u għaldaqstant ma kienetx konformi mar-rekwiżiti.

11.1.2. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ressaq mozzjoni, ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, favur l-għażla tal-offerta minn P&D Consultants fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla peress li kienet l-iktar offerta vantaġġuża u konformi mar-rekwiżiti mitluba. Ittieħed vot bir-rizultat ikun

Favur: 4 (VB,AD,DSH ,JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

## 12. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

12.1. Is-Sindku infurmat li l-Working group iltaqa' kif maqbul u ħadem fuq numru ta kambjamenti fuq l-iskema sabiex tkun inqas burokratika, u iktar favur ir-residenti filwaqt li tnaqqas l-abbuż.

12.1.1. Is-Sindku pproponiet li t-tariffa amministrattiva tiġi ridotta għal €1. Il-Kunsill qabel.

12.1.2. Is-Sindku pproponiet li f'każ ta telf ta permess speċjali, l-applikant jista' jipproduċi rapport tal-pulizija minflok affidavit. Il-Kunsill qabel.

12.1.3. Is-Sindku pproponiet li f'każ li vettura li fuqa hemm il-permess tiġi trasferita, u l-permess ma jkunx jista' jiġi ritornat, allura irid jiġi prodott affidavit. Il-Kunsill qabel.

12.1.4. Is-Sindku pproponiet li dixxendenti ta resident li għandu inqas minn 60 sena għandhom ikollu permess wieħed.

12.1.4.1. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li huwa ma jaqbilx għax din kapaċi toħloq iktar stress fuq l-ispazju ta parkeġġ eżistenti.

12.1.4.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li kif inhi preżentement, tista' tkun diskriminatorja u għalhekk qed jiġi propost persuna waħda.

12.1.4.3. Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li din il-kwistjoni għanda tkun fuq bażi ta każijiet umanitarji, u mhux kullħadd ikollu dritt għall-permess, u dan sabiex jissalvagwardja ir-residenti li joqgħodu fil-lokalita'.

12.1.4.4. Il-Kunsill qabel li jiġu introdotti permess fuq każijiet umanitarji Il-Kunsill qabel li dawn l-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati direttament mill-Kunsill, u l-applikant għandu l-faċilta li jippreżenta l-każ tiegħu skont kif inhu xieraq għal każ partikolari.

12.1.5. Is-Sindku pproponiet li applikanti għall-permessi temporanji li joqgħodu fi propjetà mikrija, iridu jissottomettu kopja tal-Kuntratt tal-Kiri, u titneħħa l-faċilita' li jissottomettu kopja tal-irċevuta. F'dan il-każ il-permess ikun validu sat-terminu tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel.

12.1.6. Is-Sindku pproponiet li l-għaqdiet ikunu intitolati għall-permess wieħed. Il-Kunsill qabel

12.1.7. Il-Kunsill qabel li dawn il-kambjamenti jiġu integrati fil-Manwal tal-Proċeduri tal-Iskema, u li għandu jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 13. Proġetti u Xogħolijiet

13.1. Ma Kienx hemm materji diskussi

## 14. Traffiku u Parkeġġ

14.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 15. Ġonna u Soft Areas

15.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lil-Viċi Sindku Vince Borg sabiex jieħu ħsieb javviċina lill-Kuntrattur tas-Soft Areas, minħabba li mhux dejjem qed ikun effiċjenti kif mixtieq.

## 16. Attivitajiet Kulturali

16.1. Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li ssir laqgħa mal-Għaqdiet sabiex jibdew jiġu diskussi iktar fid-dettall l-attivitajiet tal-Kunsill u l-involviment tal-għaqdiet matulhom. Il-Kunsill qabel li laqgħa għanda issir fit-30 ta Ġunju fis-6.30 p.m fl-uffiċju amministrattiv. Il-Kunsill qabel ukoll li matul l-istess laqgħa jiġi diskuss progress li sar, u li jista' jsir fuq il-Floriana Regeneration Forum.

16.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li is-Sur Owen Spiteri, Direttur ta G7 Services Ltd u li huwa parti mit-team ta organizzaturi tal-Isle of MTV, issottometta il-pjanti li jindikaw il-posti ta bars, stalls u stand fiż-żona esklussiva matul l-istess-Kunċert. Il-Kunsill qabel mal-pjanti proposti.

16.2.1. Il-Kunsill innota wkoll li ser tintbagħat korrispondenza bl-għeluq ta toroq lir-residenti, u qabel li fl-istess ittra, ir-residenti jiġu infurmati li l-parkeġġ tal-MTI ser ikun qed jinżamm għar residenti.

16.2.2. Il-Kunsill qabel li l-mobile toilets għandhom jitpoġġew kif tpoġġew is-sena l-oħra, inkluż li dawk li kien hemm oriġinarjament fi Triq il-Mall, jitpoġġew ġo Ġnien il-Mall sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti.

**NB 6.58 – Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat.**

## 17. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-Kunsill li l-proposta ta PPP kif imressqa ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tal-Artijiet u għaldaqstant saret laqgħa mad-diretturi, sabiex tinstab alternattiva.

17.2. Id-Diretturi qablu li jippropponu u jiġu evalwati proposti oħrajn.

17.3. Id-Diretturi ta Justin Haber Football Academy talbu li jekk ikun il-każ, minħabba li qed ikun hemm ħafna abbuż fil-latrini pubbliċi, il-Kunsill jżomm sezzjoni fil-latrini pubblika għall-użu esklussiv tat-tfal li jkunu qed jitħarrġu fil-grawnds, fiż-żmien tax-xitwa, meta l-latrini pubbliċi ma jkunux frekwentati ħafna.

17.3.1. Il-Kunsill qabel li jekk ikun il-każ, iżomm sezzjoni waħda mill-latrina pubblika tan-nisa, għal-dan l-iskop, għaż-żmien tax-Xitwa biss.

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 20 ta' Lulju 2016 at 2.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-7.15 p.m

[Iffirmat] [Iffirmat]

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***20 ta' Lulju 2016***